# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2051

**Kaz Numru 2721DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Melvin Chetcuti**

**u**

**Bartoli Brothers Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 9 ta' Frar 2011**

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar is-16 ta' Ottubru 2009.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Melvin Chetcuti, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukat Mark Simiana.

2.2 Il-kumpanija Bartoli Brothers Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Edward Bartoli meghjun mill-Avukat Noel Camilleri.

## 3. Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrent beda fl-impieg fil-kariga ta' *Deliveryman* mal-kumpanija intimata nhar l-01.07.05 fuq kuntratt *whole-tim*e ghal zmien minghajr terminu. Sa minn meta kellu tliet snin kien certifikat b'kundizzjoni medika li dwarha qatt ma gharraf lill-Principal. Matul iz-zmien tieghu fl-impieg mal-kumpanija intimata hu kien kuntrattat li jahdem bejn is-7.00am u l-4.00pm mit-Tnejn sal-Gimgha, izda spiss kien jattendi ghax-xoghol tard allegatament minhabba bzonnijiet relatati mal-kundizzjoni medika li kellu. Meta ma

kellux aktar il-karozza tieghu biex imur ghax-xoghol, il-kumpanija intimata allokatlu van minn taghha bit-tama li jibda jattendi ghax-xoghol fil-hin. Il-van kien jibqa' ghandu wkoll matul tmiem il-gimgha. Izda xorta wahda kompla jasal ghax-xoghol tard spiss. F'jum tas-Sibt f'Jannar 2009 huh Stephen kien ha l-van allegatament minghajr ma qal lil huh, u mar jimla d-*diesel* mill-pompa tas-soltu, iffirma falz, u weza l-van ghal bzonnijiet tieghu fi tmiem il-gimgha. Meta l-kumpanija intimata waslitilha l-fattura minghand sid il-pompa, Edward Bartoli investiga l-kaz u sar jaf x'kien gara, cempel lill-Michael Chetcuti, missier ir-rikorrent, qallu b'dak kollu li rrizultalu u gharrfu li kien ser ikecci liz-zewg uliedu mill-impieg. Il-missier investiga l-incident maz-zewg uliedu, cempel lura lil Edward Bartoli u gharrfu li Stephen kien li mela d-*diesel* b'firma falza. Meta sema' hekk Edward Bartoli accetta li jtemm l-impieg ta' Stephen biss, izda zied jghid lil Michael Chetcuti li jekk ir-rikorrent jerga' jonqos b'xi mod, kien lest itemmlu l-impieg. Xi gimgha jew tnejn qabel il-25.08.09 ir-rikorrent irrapporta li kien marid, u wara li Edward Bartoli qallu li kien hemm zewg impjegati ohra bil-*leave* dahal ghax-xoghol. Dan l-avveniment kien interpretat minn Edward Bartoli li galadarba accetta li jidhol ghax-xoghol ir-rikorrent mhux veru kien ma jiflahx. Nhar il-25.08.09 ir-rikorrent rega' rrapporta li kien marid u ma marx ghax-xoghol. Fl-istess jum baghat messagg elettroniku biex javza lil Edward Bartoli dwar l-assenza tieghu. Edward Bartoli awguralu l-jum it-tajjeb, u meta r-rikorrent attenda ghax-xoghol wara li ghalaqlu c-certifikat mediku ntemmlu l-impieg allegatament, minghajr ma nghata raguni.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Chiarlo' Abela, Edward Bartoli, Peter Bartoli, u Antoine Micallef xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Michael Chetcuti, Steve Chetcuti u Melvin Chetcuti kienu xhieda komuni.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrent esebixxa:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'zewg pagni flimkien mad-dokument immarkat Dok. MC1.

5.1.2 Kopja tal-formola statutorja tal-bidu ta' l-impieg datata 06.09.05 immarkata Dok.C.

5.1.3 Kopja ta' certifikat mediku datat 27.06.09 konsistenti fi tliet pagni rilaxxat f'isem ir-rikorrent mill-Isptar San Luqa li jikkonferma l-kundizzjoni medika kronika tar-rikorrent immarkat Dok. E.

5.1.4 Kopja ta' certifikat mediku datat 25.08.09 rilaxxat f'isem ir-rikorrent li jikkonferma l-kundizzjoni medika tar-rikorrent ghal tliet ijiem immarkat Dok.MC1. Din ir-riferenza hi duplikata, izda d-dokument mhuwiex.

5.1.5 Kopja tad-dokument statutorju FS3 minghajr data li jirreferi ghas-sena li taghlaq fil-31.12.09 immarkata Dok. A.

5.1.6 Kopja tad-dokument statutorju FS3 minghajr data li jirreferi ghas-sena li taghlaq fil-31.12.09 immarkat Dok.D. Dan kien duplikazzjoni tad-dokument Dok.A.

5.1.7 Kopja ta' certifikat mediku datat 27.01.10 rilaxxat f'isem ir-rikorrent mill-Isptar San Luqa li jiccertifika l-kundizzjoni kronika tar-rikorrent immarkata Dok.B.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'zewg pagni.

5.2.2 Kopja ta' rapport ta' l-attendenza ghax-xoghol tar-rikorrent ghaz-zmien bejn 12.09.08 u 31.08.09 li jikkonsisti fi hmistax-il pagna immarkat Dok.NC/EB/2.

5.2.3 Kopja ta' *chit* datata 30.01.09 minghand il-kumpanija Tourist Services Limited immarkata Dok.NC/EB/1.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Chiarlo' Abela,** impjegat fil-kariga ta' *Deliveryman* mal-kumpanija intimata, muri c-*chit* datat 30.01.09 immarkata Dok.NC/EB/1 stqarr li l-firma fuq id-dokument mhix tieghu**.** Ix-xhud kompla li hu ilu jaf lir-rikorrent madwar tliet snin, u rari hafna hadmu flimkien bl-istess van. Zied jghid li f'okkazjonijiet rari bhal impjegati ohra kien akkumpanja lir-rikorrent fuq kunsinni lill-kumpanija Packman f'Hal Luqa wara l-hin normali tax-xoghol taghhom. Zied jghid li l-impjegati kienu jahdmu bejn is-7.00am u l-4.00pm b'siegha waqfien ghall-mistrieh. Minhabba li hu rari kien jahdem mar-rikorrent ma setax jghid jekk ir-rikorrent kienx jieqaf biex jiehu s-siegha mistrieh. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu jghid li hu kien jasal fuq il-lant tax-xoghol xi ftit hin qabel is-7.00am., jinghata d-dokumenti tal-kunsinni, jghabbi x-xoghol u jmur ma' impjegat iehor bil-van biex iqassmu x-xoghol. Ix-xhud ikkonferma li gie li ltaqa' mar-rikorrent diehel biex jibda x-xoghol qabel ma hu johrog bix-xoghol minhabba li dan kien jasal tard.

6.2 **Edward Bartoli,** impjegat fil-kariga ta' Direttur Managerjali mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrent kien ilu jahdem mal-kumpanija intimata bejn tlieta u erba' snin, u l-hinijiet tax-xoghol ghall-impjegati kollha kienu dejjem bejn is-7.00am. u l-4.00pm. b'siegha waqfien ghall-mistrieh. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent kien jiehu l-mistrieh tieghu ghaliex il-van kellu s-sistema tad-*Data Track* u kien jidher meta kien ikun wieqaf ghal tul ta' zmien. Dan il-waqfien fit-tul kien jirrizulta wkoll anki f'hin qabel is-7.00am. Fil-fatt, wara li kien gibed l-attenzjoni tar-rikorrent li kien qieghed jiehu waqfien fit-tul qabel jidhol ghax-xoghol it-taghmir tad-*Data Track* ma hadimx izjed ghaliex tkisser. Matul dan iz-zmien kollu la hu u hadd mid-Diretturi l-ohra ma kienu mgharrafa li r-rikorrent kellu xi kundizzjoni medika kronika li setghet timpedieh milli jattendi ghax-xoghol fil-hin. Zied jghid li fejn fl-imghoddi l-impjegati kollha kienu jirregistraw l-attendenza u t-tluq taghhom billi jiffirmaw, minn fejn kien jidher li kulhadd jasal ghax-xoghol qabel is-7.00am., meta ddahhlet is-sistema elettronika ta' registrar irrizulta li l-istampa ta' l-attendenza fl-imghoddi ma kinitx tirrifletti l-verita'. Ix-xhud ikkonferma li Dok. NC/EB/2, li jikkonsisti fi hmistax-il pagna, hu rapport ta' l-attendenza ghax-xoghol tar-rikorrent ghaz-zmien bejn 12.09.08 u 31.08.09, minn fejn jirrizulta li kien jattendi tard ghax-xoghol ripetutament, u dan minkejja l-fatt li kien inghata van tal-kumpanija biex jigi ghax-xoghol u jmur lura d-dar. Ghalkemm hu spiss wissa bil-fomm dwar dan lir-rikorrent dan xorta wahda kompla jattendi tard spiss u konsegwentement beda jsirlu tnaqqis mill-*leave* biex jaghmel tajjeb ghall-hin tard. Meta xi hadd ikun ma jiflahx is-sistema kienet li jibghat messagg bil-*mobile* u wara jgib certifikat tat-tabib. Fin-nuqqas ta' certifikat l-assenza kienet titnaqqas mill-*leave*. Ir-rikorrent kien jaghmel l-aktar il-kunsinni ta' l-ordnijiet li jidhlu matul il-jum, u ghalhekk kien isuq van zghir u jmur wahdu bix-xoghol minhabba li l-kunsinni kienu jkunu zghar. Meta kien ikun hemm impjegati ohra nieqsa kien jinbaghat ma' impjegati ohra bil-kunsinni. Minbarra dan, xi drabi r-rikorrent kien jaghmel kunsinni wara l-hin tax-xoghol li kienu fi triqtu hu u sejjer lura d-dar bil-van tal-kumpanija intimata. Ix-xhud kompla li l-kumpanija kellha arrangament ma' garaxx fi Fleur de Lys minn fejn kien jittiehed il-fuel tal-karozzi kollha bejn nhar ta' Tnejn u l-Gimgha permezz ta' ffirmar ta' dokument, u wara l-hlas isir mill-kumpanija intimata fuq fatturi. Wara investigazzjoni li kien ghamel f'Jannar 2009 irrizultalu li l-van misluf ghand ir-rikorrent kien imtela bid-*diesel* is-Sibt b'firma falza ta' Chiarlo' Abela. Aktar tard fil-waqt li r-rikorrent qallu li ma kien jaf b'xejn, huh Stephen ammetta li hu kien li mar jimla l-van bid-*diesel* is-Sibt, izda ma kienx iffirma falz u biex jipprova dak li kien qieghed jghid kellu kopja tac-*chit* iffirmata minnu. Meta kien mitlub igib id-dokument dan ma gab xejn. Minhabba f'hekk ix-xhud cempel lil Michael Chetcuti, missier ir-rikorrent u qallu li kien ser ikecci liz-zewg uliedu. Lil Stephen

minhabba l-kaz tad-*diesel* b'firma falza u lir-rikorrent minhabba l-komplicita' fil-kaz u t-tardivita'. Michael Chetcuti kien cempillu lura u gharrfu li Stephen kien li ha d-*diesel* u ffirma falz, allura seta' jtemmlu l-impieg, izda talbu biex lir-rikorrent iwiddbu minghajr ma jtemmlu l-impieg. Ix-xhud qabel ma' dan, u fil-waqt li r-rikorrent kompla fl-impieg, huh ma attendiex aktar ghax-xoghol. Madwar gimgha qabel ma ntemmlu l-impieg, ir-rikorrent kien baghatlu messagg li ma jiflahx, izda hu wiegbu li kien mehtieg li jidhol ghaliex kien hemm zewg impjegati ohra li nghataw il-*leave* u bin-nuqqas tieghu ma setghux jahdmu. Ir-rikorrent dahal ghax-xoghol. Wara gimgha rega' baghat l-istess messagg u din id-darba wiegbu *"Have a nice day",* u zied jghidlu biex ma jigix izjed. Ix-xhud temm jghid li xi gimgha wara li temmlu l-impieg, sid ta' kumpanija ohra li ried jimpjega lir-rikorrent kien cempillu u staqsieh dwaru.

6.3 **Peter Bartoli**, Direttur mal-kumpanija intimata, stqarr li hu jorganizza t-taghbija fil-vannijiet bl-ordnijiet tal-klijenti kull fil-ghodu u kien jaf sew lir-rikorrent ghaliex kien jiltaqa' mieghu fuq il-lant tax-xoghol kuljum. Wara li kkonferma li l-hinijiet tax-xoghol bejn it-Tnejn u l-Gimgha kienu bejn is-7.00am. u l-4.00pm. b'siegha waqfien, zied jghid li ghalkemm xoghlu kien jaghmlu tajjeb, ir-rikorrent kien ripetutament u ta' spiss jattendi tard ghax-xoghol bil-van li kien ghad irid jitghabba bl-ordnijiet. Dwar dan kien ripetutament imwiddeb bil-fomm minn huh Edward. In-numru ta' impjegati ma' kull van kien jiddependi mit-taghbija u r-rikorrent spiss kien jahdem wahdu u gie li nzerta ma' haddiehor. Gie li kien hemm bzonn jaghmel kunsinni wahdu wara l-hin normali tax-xoghol lil xi klijenti li l-istabbiliment taghhom kien fi triqtu meta jkun sejjer lura lejn id-dar bil-van tal-kumpanija intimata. Ix-xhud stqarr li hu qatt ma kien mgharraf li r-rikorrent kellu xi kundizzjoni medika kronika li setghet timpedih milli jasal fil-hin ghax-xoghol. Wara li r-rikorrent ma kellux aktar il-karozza tieghu, kien ipprovdut bil-vann tal-kumpanija intimata bit-tama li ma jkomplix jattendi tard ghax-xoghol, izda kien kollu ghal xejn. Jum fost l-ohrajn kmieni fis-sena 2009, il-van fdat f'idejn ir-rikorrent imtela bid-*diesel* f'jum tas-Sibt minghajr il-permess tad-Diretturi, u t-Tlieta ta' wara fil-ghodu rega' imtela bid-*diesel* ghaliex kien zvujtjat bejn is-Sibt u t-Tnejn. Ix-xhud qal li hu hares lejn dan l-avveniment bhala serq u kien tal-fehma li z-zewg ahwa kellhom jitkeccew mill-impieg, izda wara spjega li ghamel Michael Chetcuti lil huh Edward dwar l-incident tad-*diesel*, huh henn ghar-rikorrent, u fil-waqt li Stephen ma' giex lura ghax-xoghol, ir-rikorrent kien accettat lura. Wara xi zmien f'Awwissu 2009, ir-rikorrent kien cempel li ma kienx jiflah f'jum tat-Tnejn darbtejn vicin xulxin u minhabba f'hekk wara t-tieni okkazjoni huh Edward flimkien mad-Diretturi l-ohra ddecidew li jtemmulu l-impieg.

6.4 **Melvin Chetcuti**, ir-rikorrent, stqarr li hu kien impjegat mal-kumpanija intimata f'Lulju 2005 fil-kariga ta' *Deliveryman* fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien minghajr terminu. Il-hinijiet tax-xoghol kienu bejn is-7.00am. u l-4.00pm. b'siegha waqfien ghall-mistrieh. Ix-xoghol tieghu kien jirrikjedi li johrog hafna drabi wahdu b'van li ma jissakkarx, darba fil-ghodu u darba ohra wara nofs-in-nhar b'kunsinni, u kull tant tliet darbiet. Minhabba li l-van kien ikun mimli bil-prodotti, ma setax ihallih wahdu ghal tul ta' zmien u jitbieghed minnu. Sa minn kmieni f'hajtu kien certifikat li kellu kundizzjoni medika li minhabba li kienet tirrikjedi li jdum ma johrog mid-dar kull fil-ghodu, kien joqghod lura milli jitkellem dwarha ma' persuni ohra. Minhabba f'hekk kien essenzjali ghalih li qabel ma johrog mid-dar ghax-xoghol kien jaccerta ruhu li ma kienx ser ikollu l-htiega li jillarga matul ir-ronda biex jaqdi l-bzonnijiet tieghu. B'dan kollu kkonferma li qatt ma gharraf lill-Principal b'din il-kundizzjoni. Ghalkemm kien minnu li spiss kien jidhol tard, hu kien ipatti ghal dan billi xi darbtejn jew tlieta kull gimgha kien jevita li jieqaf ghall-mistrieh u jaghmel kunsinni minn darba sa darbtejn fil-gimgha wara l-hin normali tax-xoghol fi triqtu lejn id-dar minghajr ma jircievi hlas addizzjonali. F'Jannar 2009 huh kien ha l-van minghajr ma qallu u mar jimla d-*diesel* f'jum tas-Sibt b'firma allegatament falza. Wara xi ftit granet hu kien akkuzat ma' huh dwar l-incident, u ghalkemm huh kien ammetta mieghu li kien hu li mar jiehu d-*diesel* f'dak il-jum, lil Edward Bartoli ma qallu xejn. Fi stadju iehor tax-xhieda tieghu r-rikorrent stqarr li ma kienx jaf li huh kien ha l-van minghajr ma qallu. Edward Bartoli gharraf lil missieru li kien ser itemmilhom l-impieg it-tnejn. Wara telefonata li saret bejn missieru u Edward Bartoli, tkecca huh biss. Ix-xhud ikkonferma li fil-bidu ta' Awwissu 2009 kien baghat messagg elettroniku lil Edward Bartoli biex jghidlu li ma setax jattendi ghax-xoghol ghaliex kien ma jiflahx, izda dahal meta intalab jidhol ghaliex kien hemm impjegati ohra bil-*leave*. F'nofs Awwissu 2009 kellu ugigh ta' ras u rega' gara l-istess, izda din id-darba Edward Bartoli baghatlu messagg elettroniku lura bil-kliem *"have a nice day",* u wara qallu biex ma jidholx aktar ghax-xoghol minhabba li kien ha l-*leave* ghall-mard. Meta mar l-ufficcju biex jithallas u jiffirma d-dokumenti statutorji pprezenta c-certifikat tal-mard lis-Segretarja li qaltlu li ma kellhomx bzonnu.

6.5 **Michael Chetcuti**, missier ir-rikorrent, stqarr li ibnu Melvin ghandu kundizzjoni medika kronika kif juru d-dokumenti immarkati Dok.E u Dok.MC1. Zied jghid li l-familja dejjem qaghdet lura milli titkellem dwar din il-kundizzjoni biex Melvin ma jiltaqax ma' diffikultajiet fir-relazzjoni tieghu ma' shabu fl-iskola u ma' kollegi fuq il-post tax-xoghol. Ix-xhud ikkonferma li minkejja r-relazzjoni tajba li kellu ma' Edward Bartoli qatt ma gharrfu bil-kundizzjoni u d-diffikultajiet li l-istess kundizzjoni kienet tohloq lil ibnu. Zied jispjega l-effett li din il-kundizzjoni medika kellha fuq hajjet ibnu Melvin. Ix-xhud kompla li f'Jannar 2009 inqala' incident

rigwardanti l-mili bid-*diesel* f'jum tas-Sibt tal-van li kienu jsuqu z-zewg uliedu Melvin u Stephen, li wassal lil Edward Bartoli biex icempillu u jghidlu li kien ser itemm l-impieg tat-tnejn. Hu tkellem maz-zewg uliedu u wara li Stephen ammetta mieghu li kien hu li instiga l-incident, cempel lil Edward Bartoli u gharrfu li galadarba Stephen kien abbuza, jekk kien ser ikun hemm tkeccija din kellha tkun limitata ghal Stephen biss, u hekk gara. Ghadda z-zmien u f'Awwissu 2009 Melvin kien ma jiflahx u ma marx ghax-xoghol. Xi hin wara rcieva messagg elettroniku bil-kliem *"have a nice day"*, u aktar tard ordni biex ma jidholx aktar ghax-xoghol.

6.6 **Stephen Chetcuti**, hu r-rikorrent u impjegat fil-kariga ta' *Deliveryman* mal-kumpanija intimata fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien indefinit, stqarr li l-hinijiet tax-xoghol tieghu bejn it-Tnejn u l-Gimgha kienu mis-7.00am u l-4.00pm. b'siegha mistrieh. Zied jghid li l-van tax-xoghol kien fdat f'idejn huh Melvin biex jahdem bih u biex jattendu ghax-xoghol u lura, izda ma setghux juzawh ghall-bzonnijiet taghhom personali. F'Jannar 2009 inqala' incident rigwardanti l-mili tal-van fdat f'idejn huh bid-*diesel* f'jum tas-Sibt. Ikkonfrontat minn Edward Bartoli dwar dan l-incident hu cahad li kien mar f'jum tas-Sibt biex jimla d-*diesel* u li ffirma falz, u zied jghid li hu kellu *chit* li turi l-kuntrarju. Edward Bartoli ma emmnux u talbu biex igiblu c-*chit* li kellu. Meta ra li ma kienx emmnut ha ghalih u ma marx aktar ghax-xoghol.

6.7 **Antoine Micallef**, sid l-istabbiliment Tourist Services Limited fi Fleur de Lys, propretarju tal-pompa tad-*diesel* stqarr li l-kumpanija tieghu kienet kuntrattata tipprovdi l-provvista tad-*diesel* lill-karozzi tal-kumpanija intimata li kienu jiehdu d-*diesel* bejn it-Tnejn u l-Gimgha biss. Muri d-dokument immarkat, NC/EB/1, li kienet *chit* datat l-Gimgha 30.01.0, ix-xhud ikkonferma li din kienet inharget minnu meta mela l-van BAG035 fil-jum tas-Sibt 31.01.09 lil wiehed miz-zewg ahwa impjegati mal-kumpanija intimata, u li kellu hafna tpingija fuq gismu. Zied jghid li seta' jikkonferma dan kollu ghaliex nhar ta' Sibt dejjem hu kien jattendi mal-pompa. Kompla li hu nizzel id-data tal-Gimgha ghaliex l-impjegat qallu li ma kienx lahhaq imur il-jum ta' qabel u talbu jaghmel data retroattiva. Wara xi jiem kien kellmu dwar dan il-bejgh xi hadd mill-kumpanija intimata u kien qallu din l-istorja kollha.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Noel Camilleri ghall-kumpanija intimata stqarr li:

7.1.1 Ix-xhieda tal-kumpanija intimata, partikolarment l-ahwa Edward u Peter Bartoli, kienet konsistenti u konsegwentement kredibbli, fil-waqt li x-xhieda tal-genitur

Michael u uliedu l-ahwa Melvin u Stephen Chetcuti kienet inkonsistenti, u konsegwentement mhux kredibbli. Bhala ezempju semma l-incident li sehh f'Awwissu 2009,meta minkejja li r-rikorrent kellu certifikat mediku rilaxxat mit-tabib tal-familja, ma kienx jaf biex kien ma jiflahx fil-jum li ntemmlu l-impieg.

7.1.2 Id-diretturi tal-kumpanija intimata qatt ma kienu mgharrfa minn hadd bil-kundizzjoni medika kronika tar-rikorrent u l-effett li din seta jkolla fuq l-attendenza ghax-xoghol fil-hin.

7.1.3 Minkejja l-kundizzjoni medika kronika li kellu u l-fatt li kien jaf x'ikel ghandu jevita, ir-rikorrent stqarr li t-tardivita' fl-attendenza ghax-xoghol kienet kawza ta' dak li kien jiekol fi tmiem il-gimgha meta johrog fil-ghaxija. Mentri l-provi juru li t-tardivita' ghax-xoghol kienet f'kull jum tal-gimgha ghal zmien twil.

7.1.4 Iffaccjati bil-problema ta' tardivita' spissa fuq tul ta' zmien, il-kumpanija intimata pprovdietlu van taghha biex jigi ghax-xoghol u jmur lura d-dar bih, izda l-problema xorta wahda kompliet.

7.1.5 Ghalkemm hu minnu li r-rikorrent kien jaghmel kunsinni wara l-hin tax-xoghol u kien iqis li dawn ghandhom ipattu ghat-tardivita', dan ix-xoghol kien jissucciedi minn darba sa darbtejn fil-gimgha, u kien jaghmlu fi triqtu lura d-dar bil-van tal-kumpanija intimata.

7.1.6 Ghalkemm il-htija tal-kisba tad-*diesel* f'jum tas-Sibt f'Jannar 2009 kienet ta' Stephen, ir-responsabbilta' tal-van kienet tar-rikorrent u hu kien mistenni minnu li jhares il-van kull hin.

7.1.7 Mhux minnu li r-rikorrent ma kienx jieqaf ghall-mistrieh. It-taghmir tad-*Data Track* kien juri mod iehor. Dan it-taghmir tkisser wara li Edward Bartoli kien urieh li dan it-taghmir fil-karozza misjuqa minnu kien qieghed juri mod iehor.

7.1.8 Ghalkemm hu minnu li Edward Bartoli kien wiegeb l-ahhar messagg tar-rikorrent bil-mod ta' kif hemm miktub fit-traskrizzjoni tax-xhieda, dan gara wara li l-kumpanija intimata kienet ilha tissaporti n-nuqqasijiet tar-rikorrent ghal zmien twil. Dan l-ahhar avveniment, wara sensiela twila ta' nuqqasijiet, jaghmel it-temma ta' l-impieg gustifikata.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Mark Simiana f'isem ir-rikorrent

7.2.1 stqarr li:

- Quddiem it-Tribunal Industrijali, il-kumpanija intimata bbazat id-decizjoni tat-temma ta' l-impieg tar-rikorrent fuq tardivita' spissa fuq tul ta' zmien, izda l-fatti juru mod iehor. Ghaliex kieku kien hekk, it-temma ta' l-impieg kienet issir wisq aktar qabel.

- Ir-rikorrent ma kienx jieqaf ghal siegha mistrieh kif kellu dritt jaghmel. Dan kien jaghmlu biex ipatti ghat-tardivita' tieghu. Minbarra hekk, il-kumpanija intimata ma gabitx prova dwar dak li qalet li kien jirrizulta mit-taghmir tad-*Data Track.*

- Jirrizulta mix-xhieda ta' l-ahwa Edward u Peter Bartoli li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb u kien jahdem bis-sahra u wkoll fil-festi biex jghin lill-kumpanija intimata, fil-waqt li impjegati ohra kienu jitfu l-*mobile* biex ma jkunux jistghu jkunu kuntattjati. Minbarra dan, minkejja li kien hemm impjegati ohra li joqoghdu n-naha t'isfel ta' Malta, hu biss kien jaghmel il-kunsinni wara l-hin tax-xoghol fi triqtu lejn id-dar. Dan kollu kien jaghmlu biex ipatti ghat-tardivita'.

- Analizi tal-figuri li jidhru fid-dokument NC/EB/2 turi li r-rikorrent hadem hafna aktar sighat minn dawk mistennija minnu fin-numru ta' granet li attenda ghax-xoghol.

- Il-vera raguni ghat-temma ta' l-impieg kien il-fatt li f'Awwissu 2009 ir-rikorrent rega' fi zmien qasir irrapporta li kien ma jiflahx, u minhabba dak li gara f'jum simili xi ftit granet qabel Edward Bartoli temmlu l-impieg minghajr opportunita' ta' difiza u twiddib formali precedenti.

- Jirrizulta li meta deherlu li kellu jaghmel twiddib formali u wkoll kundizzjonijiet cari biex ir-rikorrent seta' jkompli fl-impieg, Edward Bartoli ghamilhom lil missier ir-rikorrent, u mhux lir-rikorrent, u konsegwentement mhumiex validi.

7.2.2 Ghamel riferenza ghad-decizjoni Numru 1996 deciza fl-14.04.10 fl-ismijiet Jean Portelli vs Office Group Limited li kienet konfermata fl-appell, u ghas-sentenza tal-Qorti Civili deciza fit-28.04.03 citazzjoni numru 1168/1977 fl-ismijiet John Fauizza versus Dr.Karmenu Mifsud Bonnici nomine.

**8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

8.1 Jirrizulta mill-provi li r-rikorrent kien jattendi tard fil-ghodu ghax-xoghol hafna drabi fil-gimgha ghal hinijiet li jvarjaw minn ftit minuti sa saghtejn u li d-differenza fl-attendenza kienet titnaqqas mill-*leave*. Ghalkemm ir-rikorrent stqarr li kien jaghmel tajjeb ghal din it-tardivita’ billi hafna drabi fil-gimgha ma kienx jiehu s-siegha mistrieh li kien intitolat ghaliha, jibqa l-fatt li t-tardivita’ ta’ fil-ghodu kienet tiddisturba l-organizzazzjoni tat-taghbija tal-kunsinni, b’mod partikolari meta r-rikorrent kien johrog f’karozza jakkumpanja impjegat iehor. Dan kien ifisser ukoll li ma kienx jippartecipa l-hin kollu fit-taghbija tal-prodotti, u l-possibilita’ li meta jkun imissu johrog ma’ impjegat iehor il-hrug tal-kunsinni jkollu jistenna l-wasla tieghu. Izda aktar minn hekk ebda impjegat ma jista’ jithalla jirranga l-hinijiet tax-xoghol tieghu billi minghajr permess jaghmel tajjeb ghat tardivita’ tieghu bil-mod li jiddeciedi hu u kif jaqbel lilu. Ir-rikorrent kien jaf li t-tardivita tieghu kienet titnaqqas mill-*leave,* allura ma kienx hemm ghalfejn jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Ghaldaqstant, u fid-dawl ta’ xhieda ohra rigwardanti t-taghmir tad-*Data Track* stallat fil-van li kien juza, ix-xhieda tieghu rigwardanti li ma’ kienx jiehu l-hin tal-mistrieh mhiex kredibbli.

8.2 Jirrizulta wkoll li r-rikorrent, minbarra li kien jaghmel xoghlu tajjeb, kien jikkopera billi jidhol ghas-sahra fil-festi u wkoll jaghmel kunsinni wara l-hin tax-xoghol fi triqtu lejn id-dar bil-van tal-kumpanija intimata. Il-ko-operazzjoni tieghu rigwardanti attendenza ghas-sahra hi kommendabbli u tirrizulta f’sigurta’ akbar ta’ l-impieg li jgawdu minnha kemm il-Principal kif ukoll l-impjegati. Il-ko-operazzjoni li kien juri meta jwassal kunsinni wara l-hin tax-xoghol fi triqtu lejn id-dar bil-van tal-kumpanija intimata tammonta ghal rikonoxximent tat-trattament favorevoli u uman li nghata meta l-kumpanija intimata allokatlu van biex jattendi ghax-xoghol biex tintrikeb il-problema tat-tardivita’. Din l-imgiba tal-partijiet twassal ghall-armonija tant mixtieqa bejn min ihaddem u l-impjegati. IL-effetti ta’ din il-ko-operazzjoni huma l-vantaggi li jirrizultaw liz-zewg partijiet fil-profitti ghall-Principal u l-ghajxien dicenti u sigur ta’ l-impjegati.

8.3 Il-kalkoli aritmetici tal-figuri li jidhru fid-dokument immarkat Dok.NC/EB/2 li bihom l-Avukat Mark Simiana argumenta li r-rikorrent kien ghamel tajjeb bil-kbir ghat-tardivita tieghu mhumiex korretti

ghaliex, fil-waqt li l-figuri tal-minuti li jidhru fil-kolonni tal-hin attwali u tal-hin irrangat ghall-eqreb hames minuti, huma kalkolati skond l-arlogg u jaghmlu parti minn sittin, dawk li jidhru fil-kolonni li jsegwu huma decimali u jaghmlu parti minn mija. Izda galadarba l-istess Avukat argumenta li t-tardivita' ma kinitx ir-raguni ghat-temma ta' l-impieg din il-linja ta' argumentazzjoni m'ghandiex wisq rilevanza ghal kaz in kwistjoni.

8.4 L-incident li sehh f'Jannar 2009, meta hu r-rikorrent Stephen Chetcuti mela l-van fdat f'idejn huh bid-*diesel* jikser il-prattika li l-karozzi jimtlew bid-*diesel* bejn it-Tnejn u l-Gimgha. L-elementi serji fih kienu l-fatti li l-mili' sar bis-sahha ta' firma falza, li d-data fuq ic-*chit* kienet mitluba minn Stephen Chetcuti stess b'data li turi l-jum ta' qabel, u li d-*diesel* intuza matul tmiem il-gimgha ghal vjaggi personali. Ghalkemm l-akbar htija ta' dan kollu kienet ta' Stephen Chetcuti, ir-rikorrent ma kienx nieqes mir-responsabbilta' biex jaghti l-kura xierqa f'kull hin lit-taghmir tal-kumpanija intimata li kien fdat lilu. L-ahwa Melvin u Stephen kienu joqghodu fl-istess indirizz u jattendu ghax-xoghol fl-istess van. Ir-rikorrent kien jaf kemm kien fih *diesel* il-van fil-jum tal-Gimgha meta saq lura lejn id-dar bih. Jekk matul is-Sibt u l-Hadd ma ltaqax ma' huh, it-Tnejn fil-ghodu marru ghax-xoghol flimkien. Jekk huh ma qallu xejn x'kien ghamel bil-van fi tmiem il-gimgha, zgur li r-rikorrent kien jaf kemm kellu *diesel* il-van meta beda jsuq lejn ix-xoghol u seta' nduna li kien hemm xi haga mhux spjegabbli. F'dan is-sens ix-xhieda tieghu fejn qal li ma kienx jaf x'gara bil-van fil-jum tas-Sibt u l-Hadd mhix kredibbli. L-imgiba tieghu f'dan ir-rigward meta kien investigat minn Edward Bartoli, aktar kienet taqbel ma' habi biex jipprotegi lil huh milli mal-verzjoni tal-fatti li graw.

8.5 Ghalkemm jirrizulta li waqt l-impieg ma kienx hemm twiddib miktub versus ir-rikorrent, u wkoll li meta sar xi whud mit-twiddib dan sar tramite l-genitur, ir-rikorrent ammetta li kien imwiddeb diversi drabi dwar it-tardivita' u wkoll dwar l-incident tal-mili tad-*diesel* b'firma falza. Dak li sehh fil-bidu ta' Jannar 2009 wassal ghad-decizjoni tat-temma ta' l-impieg taz-zewgt ahwa, izda l-istess kumpanija intimata rtirat id-decizjoni taghha rigwardanti r-rikorrent ghaliex gharfet li ghalkemm ir-rikorrent kien naqas b'xi mod, il-kolpa massima kienet tisthoqq lil Stephen u mhux lir-rikorrent.

8.6 Kmieni f'Awwissu 2009, ir-rikorrent irrapporta li kien ma jiflahx, izda attenda ghax-xoghol wara li Edward Bartoli gharrfu li kien hemm zewg impjegati bil-*leave* u konsegwentement l-assenza tieghu kienet ser tohloq diffikultajiet fl-operat. Din l-attendenza tar-rikorrent kienet meqjusa minn Edward Bartoli li r-rikorrent kien qieghed jabbuza mill-*leave* ghall-mard. Ir-ripetizzjoni ta' l-avviz ta' mard xi gimaghtejn wara kienet ukoll interpretata l-istess minn Edward Bartoli. Izda l-kumpanija

intimata fl-ebda stadju ma gabet prova li fl-imghoddi kien hemm xi investigazzjoni li rrizultat f'abbuz tal-*leave* ghall-mard. Fiz-zewg okkazjonijiet ta' rapport ta' mard f'Awwissu 2009, Il-kumpanija intimata naqset tinvestiga l-allegazzjoni ta' abbuz tal-*leave* ghall-mard u naqset ukoll li taghti opportunita' lir-rikorrent biex jiddefendi ruhu kontra l-istess akkuzi.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, u ghamel riferenza ghall-provvedimenti ta' l-Artiklu 81 (2) (*a*) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 Ir-ragunijiet li wasslu lil Edward Bartoli jtemm l-impieg tar-rikorrent kienu n-nuqqasijiet kollha li ssemmew rigwardanti tardivita', u uzu hazin minn terzi ta' taghmir fdat lilhu mill-kumpanija intimata, flimkien ma' assunzjoni ta' abbuz tal-*leave* ghall-mard f'zewg okkazjonijiet f'Awwissu 2009.

9.2 In-nuqqas tal-kumpanija intimata li taghti kunsiderazzjoni xierqa ghal dak li r-rikorrent kellu xi jghid in difeza rigwardanti l-akkuzi ta' abbuz mill-*leave* ghall-mard f'Awwissu 2009, jikser id-dritt ta' smigh xieraq. Minhabba f'hekk It-temma ta' l-impieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-Ligi. Izda l-imgiba tar-rikorrent matul iz-zmien kollu fl-impieg ikkontribwixxiet bil-qawwa ghat-temma ta' l-impieg tieghu.

9.3 Li l-kumpanija intimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' Seba' Mitt Ewro (€700) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir sa nhar l-01 ta' Marzu 2011.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il Centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**